Nru. 17,992
Prezz Lm1.44ċ
Price Lm1.44c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 7 ta' Novembru, 2006
Tuesday, 7th November, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 929

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,990 u 17,991 tal-31 ta' Ottubru u t-3 ta' Novembru, 2006 rispettivament.

A.L. Nru. 261 ta' l-2006: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Ordni ta' l-2006 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income)* (Islanda).

A.L. Nru. 262 ta' l-2006: Att ta' l-2003 dwar is-Saħħa Pubblika (Att Nru. XIII ta' l-2003); Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Leġjonella.

A.L. Nru. 263 ta' l-2006: Att dwar ix-Xandir (Kap. 350); Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Poteri ta' Infurzar li għandha l-Awtorità tax-Xandir.

A.L. Nru. 264 ta' l-2006: Att dwar il-Mediċini (Kap. 458); Regolamenti ta' l-2006 dwar Proċeduri Speċjali (Penalitajiet fl-Att dwar il-Mediċini).

A.L. Nru. 265 ta' l-2006: Att dwar l-I*sports* (Kap. 455); Ordni ta' l-2006 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata).

A.L. Nru. 266 ta' l-2006: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regoli ta' l-2006 dwar Donazzjonijiet (Patrimonju Nazzjonali).

Is-7 ta' Novembru, 2006

GOVERNMENT NOTICES

No. 929

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,990 and 17,991 of the 31st October and 3rd November, 2006 respectively.

L.N. No. 261 of 2006: Income Tax Act (Cap. 123); Double Taxation Relief (Taxes on Income) (Iceland) Order, 2006.

L.N. No. 262 of 2006: Public Health Act, 2003 (Act No. XIII of 2003); Control of Legionella (Amendment) Regulations, 2006.

L.N. No. 263 of 2006: Broadcasting Act (Cap. 350); Broadcasting Authority (Enforcement Powers) Regulations, 2006.

L.N. No. 264 of 2006: Medicines Act (Cap. 458); Special Procedure (Penalties in respect of the Medicines Act) Regulations, 2006.

L.N. No. 265 of 2006: Sports Act (Cap. 455); Kunsill Malti għall-Isport (Transfer of Designated Property) Act, 2006.

L.N. No. 266 of 2006: Income Tax Act (Cap. 123); Donations (National Heritage) Rules, 2006.

7th November, 2006

Nru. 930

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi b'seħħ minn nhar it-Tnejn, is-6 ta' Novembru, 2006, matul l-assenza ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

Is-7 ta' Novembru, 2006
(OPM 3/2006/II)

No. 930

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs, assume the additional duties of the Prime Minister and Minister of Finance with effect from Monday, 6th November, 2006, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

7th November, 2006

Nru. 931

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U TA' L-IMPJIEG)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 931

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (INDUSTRIAL AND EMPLOYMENT RELATIONS)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Education, Youth and Employment has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Anthony Azzopardi	Direttur *Director*	Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjieg *Industrial and Employment Relations*	06-08.11.2006 16-18.11.2006

Is-7 ta' Novembru, 2006

7th November, 2006

Nru. 932

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (AVJAZZJONI ĊIVILI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 932

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CIVIL AVIATION)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Competitiveness and Communications has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Anthony Gatt	Direttur Ġenerali *Director General*	Avjazzjoni Ċivili *Civil Aviation*	01-05.11.2006

Is-7 ta' Novembru, 2006

7th November, 2006

Nru. 933

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (PASSAPORT U REĠISTRAZZJONI ĊIVILI) U AGENT DIRETTUR (REĠISTRU PUBBLIKU U REĠISTRATUR TAŻ-ŻWIEĠIJIET)

Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 933

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (PASSPORT AND CIVIL REGISTRATION) AND ACTING DIRECTOR (PUBLIC REGISTRY AND MARRIAGE REGISTRAR)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice and Home Affairs has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Charles Micallef	Aġent Direttur (Passaporti u Reġistrazzjoni Ċivili) u Aġent Direttur (Reġistru Pubbliku u Reġistratur taż-Żwiġijiet *Acting Director (Passport and Civil Registration) and Acting Director (Public Registry and Marriage Registrar)*	Reġistrazzjoni Ċivili Reġistru Pubbliku *Civil Registration* *Public Registry*	21.10.2006-

Is-7 ta' Novembru, 2006

7th November, 2006

Nru. 934

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (SIGURTÀ SOĊJALI)

Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 934

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (SOCIAL SECURITY)

THE Permanent Secretary in the Ministry for the Family and Social Solidarity has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Alfred Portelli	Direttur *Director*	Sigurtà Soċjali *Social Security*	8 - 10.11.2006

Is-7 ta' Novembru, 2006

7th November, 2006

Nru. 935

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 366)

Skedar ta' Proprjetà

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b'din tiddikjara l-proprjetajiet li ġejjin, jiġifieri:-

Għajn Barrani u l-Qortin ta' Għajn Damma, limiti tax-Xagħra u ż-Żebbuġ, Għawdex

(ara Mappa 1 f'paġna 9445) bħala inklużi fil-Lista ta' Proprjetà Skedata, skond l-Artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità tiddikjara l-proprjetajiet msemmija kif ġej:

partijiet miż-żrieżaq tat-tafal matul il-kosta bħala Żona ta' Importanza Ekoloġika u Sit ta' Importanza Xjentifika ta' Livell wieħed (1), kif indikat fuq il-pjanta annessa;

il-kumplament taż-żrieżaq tat-tafal, il-kosta kollha u l-irdumijiet magħrufin bħala Rdum ta' Kililu, Rdum tas-Sekkek u Rdum tax-Xagħra bħala Żona ta' Importanza Ekoloġika u Sit ta' Importanza Xjentifika ta' Livell tnejn (2), kif indikat fuq il-pjanta annessa;

il-promontorju magħruf bħala l-Qortin ta' Għajn Damma bħala Sit ta' Importanza Xjentifika ta' Livell tnejn (2), kif indikat fuq il-pjanta annessa;

Wied il-Pergla u l-art magħrufa bħala L-Mielħa u Ta' Kaċċaturi bħala Żona ta' Importanza Ekoloġika ta' Livell tlieta (3), kif indikat fuq il-pjanta annessa u;

Il-proprjetà kollha ta' Għajn Barrani, inkluż il-Qortin ta' Għajn Damma, bħala Żona ta' Sbuħija Naturali (*Area of High Landscape Value*), kif indikat fuq il-pjanta annessa.

skond it-termini tal-*Policies* RCO 1, RCO 10, RCO 11 u RCO 12 tal-Pjan ta' Struttura u tikkwalifika għall-protezzjoni skond klawsoli 15.34 sa 15.40 ta' l-*Explanatory Memorandum* ta' l-istess Pjan ta' Struttura.

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra fl-artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

It-2 ta' Novembru 2006

No. 935

DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 356)

Scheduling of Property

THE Malta Environment and Planning Authority is hereby declaring the following properties, namely: -

Għajn Barrani and Il-Qortin ta' Għajn Damma (Xagħra/ Żebbuġ, Gozo)

(see Map 1 on page 9445) as included in the list of Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act.

The Authority designates the above property as follows:

parts of the clay slopes along the coast as a Level one (1) Area of Ecological Importance and Site of Scientific Importance as indicated on the map attached;

the remainder of the clay slopes, coastal fringe and the cliffs known as Rdum ta' Kililu, Rdum tas-Sekkek and Rdum tax-Xagħra as a Level two (2) Area of Ecological Importance and Site of Scientific Importance as indicated on the map attached;

Għajn Damma promontory as a Site of Scientific Importance as indicated on the map attached;

Wied il-Pergla and the areas known as Il-Mielħa and Ta' Kaċċaturi as a Level three (3) Area of Ecological Importance as indicated on the map attached; and

The entire property, including Għajn Damma promontory, as an Area of High Landscape Value as indicated on the map attached.

in terms of Structure Plan Policies RCO 1, RCO 10, RCO 11 and RCO 12 and qualify for protection under clauses 15.34 to 15.40 of the Structure Plan's Explanatory Memorandum.

The Malta Environment and Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Development Planning Act as regards to Scheduled Property.

2nd November 2006

St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295
MEPA
Malta Environment
& Planning Authority
(c) Copyright MEPA
Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E33439, N90917
Max E35290, N92582
Title :-
Proposed Scheduling
Ghajn Barrani Map 2
Ref No. :- GF 009/06
Level 1 AEI, SSI
Level 2 AEI, SSI
Level 2 SSI
Level 3 AEI
AHLV
Form No. :- MU/004
N

Nru. 936

KUMITAT GĦAR-RIJABILITAZZJONI TA' L-IMDINA

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru 864 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Ottubru, 2006, ngħarrfu illi s-Sur Martin Scicluna nħatar membru ta' l-istess kumitat għas-sena 2006-2007.

Is-7 ta' Novembru, 2006

No. 936

MDINA REHABILITATION COMMITTEE

WITH reference to Government Notice No. 864 published in the Government Gazette dated 13th October, 2006, it is notified that Mr Martin Scicluna has been appointed member of the said committee for the year 2006-2007.

7th November, 2006

Nru. 937

KUMITAT GĦAR-RIJABILITAZZJONI TAL-KOTTONERA

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru 865 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Ottubru, 2006, ngħarrfu illi s-Sur Martin Scicluna u s-Sur Mario Farrugia nħatru membri ta' l-istess kumitat għas-sena 2006-2007.

Is-7 ta' Novembru, 2006

No. 937

COTTONERA REHABILITATION COMMITTEE

WITH reference to Government Notice No. 865 published in the Government Gazette dated 13th October, 2006, it is notified that Mr Martin Scicluna and Mr Mario Farrugia have been appointed members of the said committee for the year 2006-2007.

7th November, 2006

Nru. 938

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dottor Peter Fleri Soler, LL.D., bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dottor Timothy Ellis, LL.D., b'seħħ mill-31 ta' Ottubru 2006 sas-7 ta' Novembru, 2006 għal matul l-assenza tiegħu minn dawn il-Gżejjer.

Illum 31 ta' Ottubru, 2006

CARMEL MUSCAT
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

Is-7 ta' Novembru, 2006

No. 938

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Peter Fleri-Soler, LL.D., to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Timothy Ellis, LL.D., with effect from 31st October 2006 to the 7th November 2006 during the latter's absence from these islands.

This 31st October, 2006

CARMEL MUSCAT
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

7th November, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Speech Therapist* fid-Divizjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Speech Therapist* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1 Il-post ta' *Speech Therapist* għandu salarju ta' Lm4,967 fis-sena, li jiżdied b'Lm152 fis-sena sa massimu ta' Lm5,879 (Skala ta' Salarju Nru.12). Persuna fil-grad ta' *Speech Therapist* tiġi promossa għall-grad ta' *Speech Therapist* Anzjan fi Skala ta' Salarju Nru. 10 (Lm5,590 x 175 – Lm6,640) wara ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Persuna fil-grad ta' *Speech Therapist* li għandha xi *degree* rikonoxxuta fl-*Speech Therapy* titqiegħed fi Skala ta' Salarju Nru. 10 b'seħħ mid-data tal-ħatra tagħha jew mid-data ta' meta tingħata d-*degree*, skond liema data tiġi l-aħħar. Persuna fil-grad ta' *Speech Therapist* gradwata tiżdied fis-salarju għal Skala ta' Salarju Nru. 9 (Lm5,930 x 192 – Lm7,082) meta' tagħlaq sentejn servizz fil-grad ta' *Speech Therapist* gradwat. Persuna fil-grad ta' *Speech Therapist* gradwata tiġi promossa għall-grad ta' *Speech Therapist* Anzjan wara sentejn servizz fil-grad ta' *Speech Therapist* jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' *Speech Therapist* jinkludu li:

a) tipprovdi servizzi kliniċi rigward *Speech Therapy;*

b) tassessja u tikkura pazjenti bi problemi ta' komunikazzjoni kif ikunu allokati minn *staff* anzjan;

ċ) iżżomm *records* eżatti skond il-*policies* u l-proċeduri tad-Dipartiment;

d) tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Speech Therapist in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the posts of Speech Therapist in the Health Division.

2.1 The post of Speech Therapist carries a salary of Lm4,967 per annum, rising by annual increments of Lm152 up to a maximum of Lm5,879 (Salary Scale No.12). A Speech Therapist will be promoted to the grade of Senior Speech Therapist in Salary Scale No. 10 (Lm5,590 x 175 – Lm6,640) on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. A Speech Therapist in possession of a recognised degree in Speech Therapy will be placed in Salary Scale No.10 with effect from his/her date of appointment or the conferment of his/her degree, whichever is the later. A graduate Speech Therapist will progress to Salary Scale No. 9 (Lm5,930 x 192 – Lm7,082) on completion of two years service as graduate Speech Therapist. A graduate Speech Therapist will be promoted to Senior Speech Therapist on completion of two years service in the grade of Speech Therapist, subject to satisfactory performance.

2.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Speech Therapist include:

a) provision of clinical services with regard to Speech Therapy;

b) assessment and treatment of patients with communication problems as allocated by senior staff;

c) keeping of accurate records in accordance with departmental policies and procedures;

d) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mill-*Personnel Section,* Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

5. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikawid-disposizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(ċ) ikollhom ċertifikat li juri li huma rreġistrati bħala *Speech Language Pathologist* mal-Kunsill għall-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina (Malta);

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Publiku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti qabel u jagħtu d-dettalji).

6.1. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati li se jiggradwaw fil-*Communication Therapy* fis-sena 2007 bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

5. Applicants must:-

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a certificate of registration as Speech Language Pathologist with the Council for the Professions Complementary to Medicine (Malta);

(d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

6.1. Applications will also be considered from candidates who will be graduating in Communication Therapy in the year 2007 provided they satisfy the requirements stated in

f'paragrafi 5(a), (b) u (d). Jekk jintgħażlu dawn il-kandidati jridu juru ċ-Ċertifikat ta' reġistrazzjoni indikati f'paragrafu 5(ċ) qabel ma jingħataw il-ħatra.

6.2. L-applikanti li jgħaddu taħt dan il-paragrafu jiġu offruti ħatra biss wara li tkun ġiet eżawrita l-lista ta' l-applikanti l-oħra kollha li jkunu għaddew mill-intervista skond paragrafu 5 dejjem jekk ikun għad baqa' postijiet vakanti.

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg jew l-awtorità konċernata, skond il-każ, liema rapport għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport maħruġ mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-disposizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice*

paragraphs 5(a), (b) and (d). If selected, such candidates must produce the Certificate of registration indicated in paragraph 5(c) before appointment.

6.2. Successful applicants under this paragraph will be offered an appointment only after the list of successful applicants under paragraph 5 has been exhausted, provided vacancies are available.

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which report should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board

board ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummisjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Johroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-publikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitnizzlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Diċembru 2006.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Diċembru 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-7 ta' Novembru, 2006

of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. The selected candidates will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Department, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon of Friday, 1st December 2006.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 1st December 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

7th November, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Case Officer* biex jaqdu funzjonijiet fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tar-Rifuġjati fil-Ministe u tal-Ġustizzja u l-Intern

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Case Officer* biex jaqdu l-funzjonijiet tagħhom fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tar-Rifuġjati fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern

2.1 Il-persuni magħżula jkunu mistennija li jidħlu f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Case Officer* biex jaqdu l-funzjonijiet tagħhom fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tar-Rifuġjati fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern, liema kuntratt jista' jiġġedded għall-perjodi oħra. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Case Officer* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2 Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, huma jżommu l-ħatra sustantiva tagħhom waqt il-perjodu tal-kuntratt u jerġgħu lura għal din il-ħatra sustantiva meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuni magħżula ma jkunux Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħhom mal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3 Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u matul il-perjodu tal-kuntratt, jinħatru fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn skala 9, huma jkunu meħtieġa li jirrinunzjaw id-doveri ta' *Case Officer* u jkunu trasferiti għal doveri relatati mal-ħatra l-ġdida tagħhom. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv tal-persuni magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 9 tas-Servizz Pubbliku ta' Malta permezz ta' *progression*, il-persuni jitħallew ikomplu l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħhom kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma jiġux offruti tiġdid tal-kuntratt.

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Case Officer* fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 9 (Lm7,082 fis-sena). F'każ li l-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-ħatra sustantiva tagħhom u s-salarju dovut għal din il-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4.1 Id-dmirijiet ta' persuni fil-pożizzjoni ta' *Case Officer* jinkludu:

a) mili ta' formoli ta' applikazzjoni;
b) intervisti lill-persuni li qed jitolbu stat ta' asil;
ċ) twettiq ta' riċerki u evalwazzjoni neċessarja;
d) qadi ta' dmirijiet oħra fl-uffiċċju skond il-bżonn bħaż-

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Case Officer to perform duties at the Office of the Commissioner for Refugees in the Ministry for Justice and Home Affairs

The Public Service Commission invites applications for the positions of Case Officer to perform duties at the Office of the Commissioner for Refugees in the Ministry for Justice and Home Affairs.

2.1 The selected candidates will be expected initially to enter into a three-year contract as Case Officer to perform duties at the Office of the Commissioner for Refugees in the Ministry for Justice and Home Affairs, which may be renewed thereafter for further periods. Unsatisfactory performance as Case Officer during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2 If the selected candidates are Public Officers in the Malta Public Service, they will retain their substantive appointment during the contractual period and will revert to their substantive grade on the termination of the contract. In the case of selected candidates who are not Public Officers in the Malta Public Service, their service with the Ministry for Justice and Home Affairs as well as with the Maltese Government will be terminated in the event that their contract is not renewed or is terminated.

2.3 If the selected candidates are Public Officers in the Malta Public Service and during the contract period are appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 9, they will be required to relinquish the duties of Case Officer and be transferred to duties pertinent to their new grade. Moreover, if the substantive salary of the selected officers becomes higher than the maximum of Salary Scale 9 through progression, they will be allowed to complete their term of engagement as provided by the contract in force at the time, but they will not be offered subsequent renewal of the contract.

The position of Case Officer in the Ministry for Justice and Home Affairs carries a salary equivalent to the maximum point of Salary Scale 9 (currently Lm7,082 per annum). In the case that the selected candidates are Public Officers in the Malta Public Service the difference between the salary to which they are entitled by virtue of their substantive grade and the salary of this position, will be paid as a non-pensionable allowance.

4.1 The duties of a Case Officer include:

a) filling applications forms;
b) interviewing asylum seekers;
c) executing the necessary research and evaluation;
d) assisting in other office duties such as maintaining

żamma ta' *records, data* u statistika ta' l-applikanti għall-asil;

e)jagħmlu waħedhom il-proċess kollu li jwassal għar-rakkomandazzjoni aħħarija lill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern dwar dawk il-każi li jkunu ġew assenjati lilhom;

f) jiffirmaw huma nfushom dawk ir-rapporti relatati u rakkomandazzjonijiet f'isem il-Kummissarju tar-Rifuġjati" u jiddefendu d-deċiżjonijiet tagħhom quddiem il- Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati jew xi awtorità oħra jekk u meta jkun hemm bżonn.

4.2 Il-persuni magħżula jistgħu jintalbu jaħdmu sigħat flessibli skond l-esiġenzi ta' l-Uffiċċju tal-Kummissarju tar-Rifuġjati.

4.3 Il-persuni magħżula jistgħu jkunu meħtieġa jattendu perjodu qasir ta' taħrig fuq materji ta' asil.

5.1 L-applikanti:-

(a) (i) għandhom ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii) għandhom ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) għandhom ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħeles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE); jew

(iv) għandhom il-konjugi u tfal, anke jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f(i), (ii), (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġislazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern;

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f' (ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġislazzjoni sussidjarja.

(b) għandu jkollhom, jew ġew approvati biex jingħataw, *first degree* rilevanti rikonoxxuta jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, kif ukoll sena esperjenza relevanti;

(ċ) iridu jkunu kapaċi jikkomunikaw bil-Malti u bl-Ingliż;

(d) iridu jkunu persuni li għandhom disposizzjoni matura lejn nies li qed jitolbu asil;

(e) għandu jkollhom liċenza valida tas-sewqan, karozza privata tagħhom u lesti li jużaw it-trasport tagħhom kif

updated records, data and statistics in respect of asylum seekers;

e) carrying out on his/her own the whole process leading to the final recommendation to the Minister for Justice and Home Affairs regarding those cases assigned to him/her;

f) signing him/herself all the relative reports and recommendations "on behalf of the Refugee Commissioner" and defending such findings before the Refugee Appeals Board or any other authority if and when the need arises.

4.2 Selected applicants may have to be flexible in their time-table according to the exigencies of the Office of the Commissioner for Refugees.

4.3 Selected applicants will be required to undergo a short period of training in asylum matters.

5.1 Applicants for the position must:

a) (i) be citizens of Malta; or

(ii) be citizens of another European Union Member State; or

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);or

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) be in possession, or have been approved for the award, of a recognized relevant first degree or a recognised comparable relevant qualification, together with at least one year relevant experience;

c) be able to communicate in the Maltese and English languages;

d) be persons who demonstrate a mature disposition toward asylum seekers;

e) be in possession of a valid driving licence and a private vehicle and willing to go where required with their own

meħtieġ u jitħallsu l-kumpens bir-rata stabbilita mill-Gvern.

(f) iridu jkunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern Malti u jagħtu d-dettalji).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li:
a) ikollhom kunċett tajjeb dwar ir-rifuġjati;
b) huma lesti li jiltaqgħu u jaħdmu ma' persuni ta' nazzjonalitajiet u kulturi differenti (u jafu bil-ħtieġa li tiġi evitata distinzjoni jew preferenzi kulturali);
ċ) għandhom kapaċità ta' komunikazzjoni ma' ħaddieħor;
d) għandhom ħila fl-użu tal-*computers*;
e) huma kapaċi jaħdmu taħt pressjoni;
f) iħobbu jaħdmu f'tim; u
g) jafu jitkellmu bl-Għarbi u/jew bil-Franċiż.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn tibdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), ukoll jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Bord ta' Għażla jintervista lill-applikanti eliġibbli biex jitqies min minnhom huwa adatt għal din il-pożizzjoni.

7.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

7.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

transport, subject to the normal government compensation;

f) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must provide a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must provide a Certificate of Conduct issued by the Police or another competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to applicants who:
a) have a good understanding of the refugee concept;
b) are motivated to meet and work with people of different nationalities and cultures (and are aware of the need to avoid cultural distinctions or preferences);
c)have good interpersonal and communication skills;
d) are computer literate;
e) are able to work well under pressure
f)like to work in a team; and
g) are fluent in Arabic andċor French languages.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to NCPD.

7.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

7.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Justice and Home Affairs.

7.3 A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

7.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom isiru fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

8.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuni jkollha għandhom jintwerew b' ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.2 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg jew l-awtorità konċernata, skond il-każ, liema rapport għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport maħruġ mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-disposizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi assigurat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

10. Malli jkunu ingaġġati, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma Uffiċjali Pubbliċi li għandhom/m'għandhomx grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-MPO fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt.

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta CMR 02 sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Diċembru 2006.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:-*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

Il-formoli kollha ta' l-offerti/kwotazzjonijiet u dokumenti relatati kollha jistgħu jinkisbu mill-Korporazzjoni Enemalta, Bini ta' l-Amministrazzjoni Ċentrali, il-Moll tal-Knisja, il-Marsa, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Tagħrif rigward id-deċiżjonijiet meħuda mis-Sotto Kumitat ta' l-Offerti tal-Kategorija B jista' jinkiseb minn fuq 22980660 għal tlett ijiem konsekuttivi wara l-ewwel pubblikazzjoni tagħhom fuq in-*notice-board* tal-Bini ta' l-Amministrazzjoni, il-Marsa.

Is-7 ta' Novembru, 2006

The plant, its construction and operation, health and safety considerations, fuel, all emissions, waste disposal and any related activities shall comply with local legislation as well as all European Directives.

Procurment shall be carried out according to the negotiated procedure as per Legal Notice 178 of 2005 of the Laws of Malta, for entities operating in the water, energy, transport and postal services sectors.

A contract notice for this project is currently being prepared by Enemalta Corporation and is expected to be issued by the end of 2006. The contract notice, which shall include qualification criteria and technical specifications, shall invite interested parties to propose suitable and cost-effective plant that will meet the required enviromental and performance criteria with the best financial proposals to ensure a reliable service at advantageous prices whilst safeguarding the enviroment.

A summary of contract notice shall be issued on Enemalta Corporation's website whilst the full document shall be supplied against a non-refundable fee of Lm1,000 (2329.37 Euros).

Further information may be obtained from:

Mr Francis Darmanin
Head of Procurement
Enemalta Corporation
Central Administration Building
Church Wharf
Marsa HMR 01
Malta
Tel No: +356 22980738
Fax No: +356 22980660
Email: francis.darmanin@enemalta.com.mt
Website: www.enemalta.com.mt

Tenderers are to note that tenders/quotations forms may also be downloaded from Enemalta's website: www.enemalta.com.mt. against payment of the relative fee.

Offers unaccompanied by the relevant technical literature and/or sample, when so required in the specification, may not be considered.

All forms of tenders/quotations and all related documents may be obtained from Enemalta Corporation, Central Administration Building, il-Moll tal-Knisja, Marsa, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

Information regarding decisions taken by Enemalta Tender Sub Committee regarding awards of tenders Category B can be polled on 22980660 for three consecutive working days after their first publication on the notice-board at Enemalta Administration Building, Marsa.

7th November, 2006

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TA' L-ILMA

Iċ-*Chief Executive*, Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma, jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, id-9 ta' Novembru, 2006, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/83/2006. Xogħlijiet ta' drenaġġ fl-inħawi ta' Għar u Casa, il-Mellieħa.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, l-14 ta' Novembru, 2006, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/61/2006. Provvista ta' *light panel vans*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, is-27 ta' Novembru, 2006, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. WSC/T/86/2006. *Resilient type gate valves* 350mm u 500mm.

Avviż Nru. WSC/T/87/2006. Provvista ta' servizz ta' l-i*skips*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-28 ta' Novembru, 2006, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/85/2006. Kostruzzjoni u tlestija ta' *pressure rising main* fl-Imġarr, Għawdex.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 (58.23 euros) għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-12 ta' Diċembru, 2006, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/81/2006. Provvista u konsenja ta' *suction bowsers* ġodda.

WATER SERVICES CORPORATION

The Chief Executive, Water Services Corporation, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Thursday, 9th November, 2006 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/83/2006. Sewer works at Għar u Casa area, Mellieħa.

A fee of Lm15 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Tuesday, 14th November, 2006 for:-

Advt. No. CT/WSC/T61/2006. Supply of light panel vans.

A fee of Lm25 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa, by not later than 10.00 a.m. on Monday, 27th November, 2006 for:-

Advt. No. WSC/T/86/2006. Resilient type gate valves 350mm and 500mm.

Advt. No. WSC/T/87/2006. Provision of skip service.

A fee of Lm10 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Tuesday, 28th November, 2006 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/85/2006. Construction and completion of a pressure rising main in Mġarr, Gozo.

A fee of Lm25 (58.23 euros) will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Tuesday, 12th December, 2006 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/81/2006. Supply and delivery of new suction bowsers.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 (58.24 euros) għal kull dokument ta' l-offerta.

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mill-*Cash Office,* Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma, Ħal Luqa, u aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' dawn l-offerti jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-*Procurement* u *Stores,* Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa LQA 05, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Tagħrif rigward deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat tal-Kuntratti tal-KSI rigward Għoti/sejħiet ġodda/Tħassir ta' offerti jista' jinkiseb minn fuq 21249835 għal tlett ijiem ta' xogħol konsekuttivi wara li jkunu ppubblikati l-ewwel darba fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju Prinċipali tal-KSI, Ħal Luqa.

Is-7 ta' Novembru, 2006

A fee of Lm25 (58.24 euros) will be charged for each tender document.

Forms of tenders may be obtained from the Cash Office, Water Services Corporation, Luqa and further information regarding the conditions of these tenders may be obtained from the Procurement and Stores Office, Triq Ħal Qormi, Luqa LQA 05, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

Information regarding decisions taken by the WSC Contracts Committee regarding Awards/fresh calls/ Cancellation of tenders can be polled on 21249835 for three consecutive working days after their first publication on the notice-board at WSC Head Office, Luqa.

7th November, 2006

FORZI ARMATI TA' MALTA

Il-Kmandant, Forzi Armati ta' Malta, jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, it-28 ta' Novembru 2006, fl-Uffiċċju tal-Finanzi, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

*AFM Avviż Nru. 21/06. Kiri ta' *skips on wheels* magħluqin - Forzi Armati ta' Malta.

*AFM Avviż Nru. 22/06. *Laundering* u llamtar ta' ġkieket ta' l-uniformi Nru. 3 - Forzi Armati ta' Malta.

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, il-5 ta' Diċembru 2006, fl-Uffiċċju tal-Finanzi, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

*AFM Avviż Nru. 23/06. Provvista ta' *Besson Tuba EEb* - Forzi Armati ta' Malta.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Il-formoli ta' l-offerti u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Finanzi, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn is-7.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Is-7 ta' Novembru, 2006

ARMED FORCES OF MALTA

The Commander, Armed Forces of Malta, notifies that:–

Sealed tenders will be received by the Finance Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Luqa, up to noon of Tuesday, 28th November 2006, for:–

*AFM Advt. No. 21/06. Hiring of closed skips on wheels – Armed Forces of Malta.

*AFM Advt. No. 22/06. Laundering and starching of jackets no. 3 dress – Armed Forces of Malta.

Sealed tenders will be received by the Finance Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Luqa, up to noon of Tuesday, 5th December 2006, for:–

*AFM Advt. No. 23/06. Supply of Besson Tuba EEb – Armed Forces of Malta.

*Advertisements appearing for the first time

Tender forms and further information may be obtained from the Finance Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Luqa, during any working day between 7.00 a.m and 4.00 p.m.

7th November, 2006

DIPARTIMENT TAL-BINI U TISWIJA TA' DJAR

Id-Direttur tal-Bini u Tiswija ta' Djar jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Novembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 533. Tibdil ta' gallariji fil-Belt Valletta u l-Isla.

Għandu jithallas dritt ta' Lm3 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 534. Tibdil ta' gallariji fil-Belt Valletta (Uffiċċju Konġunt).

Għandu jithallas dritt ta' Lm3 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 535. Xogħlijiet li jkun fadal f'Sit D, Pembroke.

Għandu jithallas dritt ta' Lm3 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-formoli ta' l-offerti u aktar informazzjoni jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-*Accounts* u l-Akkwisti, Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi OC, Sta Venera, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Id-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jitniżżlu wkoll minn www.mfss.gov.mt.

Is-7 ta' Novembru, 2006

DEPARTMENT OF HOUSING CONSTRUCTION AND MAINTENANCE

The Director of Housing Construction and Maintenance notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Friday, 17th November, 2006 for:–

Advt. No. 533. Replacement of balconies at Valletta and Senglea.

A fee of Lm3 is to be paid for every copy of tender document.

Advt. No. 534. Replacement of balconies at Valletta (Joint Office).

A fee of Lm3 is to be paid for every copy of tender document.

Advt. No. 535. Outstanding works at Site D, Pembroke.

A fee of Lm3 is to be paid for every copy of tender document.

Forms of tenders and further information may be obtained from the Accounts and Procurement Section, Department of Housing Construction and Maintenance, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi OC, Sta. Venera on any working day between 8.30 a.m. and noon.

The tender documents may also be downloaded from www.mfss.gov.mt.

7th November, 2006

AWTORITÀ TAD-DJAR

Iċ-*Chairperson,* Awtorità tad-Djar, tgħarraf illi:-

Offerti ssiġillati għall-Avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa ta' l-offerti ta' l-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, il-Furjana sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Novembru, 2006, għal:–

Avviż Nru. 256. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 15, Birżebbuġa, Triq Florence Nightingale, Tal-Papa, Fażi III. Offerti taħt Lm9,800 ma ji ġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 257. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 37, Birżebbuġa, Triq Robert Baden Powell, Tal-Papa, Fażi III. Offerti taħt Lm5,400 ma ji ġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 258. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 8, taħt

HOUSING AUTHORITY

The Chairperson, Housing Authority, notifies that:-

Sealed tenders in respect of the following adverts have to be deposited in the tender box at the Housing Authority, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana by noon on Friday, 24th November, 2006, for:–

Advt. No. 256. Sale tale quale of premises No. 15, Birzebbugia, Triq Florence Nightingale, Tal-Papa, Phase III. Offers below Lm9,800 will not be considered.

Advt. No. 257. Sale tale quale of premises No. 37, Birzebbugia, Triq Robert Baden Powell, Tal-Papa, Phase III. Offers below Lm5,400 will not be considered.

Advt. No. 258. Sale tale quale of premises No. 8, under

Blokk B, Birkirkara, Tal-Ftieħ, Triq Giovanni Mamo. Offerti taħt Lm7,000 ma ji ġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 259. Bejgħ *tale quale* ta' *showroom,* Birkirkara, Tal-Ftieħ, Triq Giovanni Mamo. Offerti taħt Lm162,000 ma ji ġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 260. Bejgħ *tale quale* tal-ħanut Nru. 2, Bormla, Blokk 1, Triq il-Pellegrinaġġ. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm18,500 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 261. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 8, taħt Blokki 1 - 5, Ħal Kirkop, Triq Karlu Darmanin. Offerti taħt Lm6,200 ma jiġux ikkunsidrati

Avviż Nru. 262. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 15, taħt Blokki 1 - 5, Ħal Kirkop, Triq Karlu Darmanin. Offerti taħt Lm4,800 ma jiġux ikkunsidrati

Avviż Nru. 263. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 13, Marsaxlokk, Binja Ħal Ġwieni, Triq Axtart. Offerti taħt Lm4,600 ma jiġux ikkunsidrati

Avviż Nru. 264. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 9, l-Imqabba, Binja Ħarriġiet, Triq il-Barrieri. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġet għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm7,200 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 265. Bejgħ *tale quale* ta' l-uffiċċju Nru. 1, l-Imsida, Entratura 62, Triq il-Wied. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm33,000 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 266. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 43, Binja Sgħajtar, in-Naxxar, Triq il-Bajtar. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm5,800 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 267. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 21, Pembroke, Blokk 6, Sit A, Triq Pietro Darmenia. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet

Blocks A and B, Birkirkara, (Tal-Ftieh), Triq Giovanni Mamo. Offers below Lm7,000 will not be considered.

Advt. No. 259. Sale tale quale of showroom Birkirkara, (Tal-Ftieħ), Triq Giovanni Mamo. Offers below Lm162,000 will not be considered.

Advt. No. 260. Sale tale quale of Shop No. 2, Cospicua, Block 1, Triq il-Pellegrinaġġ. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettesćflats as provided by law. Offers below Lm18,500 will not be considered.

Advt. No. 261. Sale tale quale of premises No. 8, under Blocks 1 - 5, Kirkop, Triq Karlu Darmanin. Offers below Lm6,200 will not be considered.

Advt. No. 262. Sale tale quale of premises No. 15, under Blocks 1 - 5, Kirkop, Triq Karlu Darmanin. Offers below Lm4,800 will not be considered.

Advt. No. 263. Sale tale quale of premises No. 13, under Binja Ħal Ġwieni, Marsaxlokk, Triq Axtart. Offers below Lm4,600 will not be considered.

Advt. No. 264. Sale tale quale of premises No. 9, under Binja Ħarrigiet, Mqabba, Triq il-Barrieri. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm7,200 will not be considered.

Advt. No. 265. Sale tale quale of Office No. 1, Entrance 62, Msida, Triq il-Wied. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm33,000 will not be considered.

Advt. No. 266. Sale tale quale of premises No. 43, under Binja Sgħajtar, Naxxar, Triq il-Bajtar. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm5,800 will not be considered.

Advt. No. 267. Sale tale quale of premises No. 21, Site A, Pembroke, Triq Pietro Darmenia. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying

a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm5,800 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 268. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 38, Pembroke, Blokk 3, Sit B, Triq Pietro Darmenia. Offerti taħt Lm5,900 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 269. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 5, Pembroke, Sit Ċ, Trejqet Nazju Falzon ma' Triq Burma. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm5,200 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 270. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 57, Pemrboke, Sit D, Triq Salvatore Castaldi. Offerti taħt Lm5,800 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 271. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 11, Pemrboke, Sit F, Triq Normandija. Offerti taħt Lm5,400 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 272. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 1, f'*basement level,* 21st September 1964 Apartments, Sta. Luċija, Triq il-Prinjoli. Dan it-trasferiment huwa soġġett għall-kera ta' Lm1.00 fis-sena skond il-kundizzjonijiet imniżżlin f'dokument anness immarkat ittra 'A'. Dan il-bejgħ huwa soġġett għas-servitujiet a favur ta' l-appartamenti/*maisonettes* sovrapposti skond il-liġi. Offerti taħt Lm8,800 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 273. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 2, Blokk Ċ, Ħal Tarxien, Triq Alfier De Medran. Offerti taħt Lm5,200 ma jigux ikkunsidrati.

Formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mill-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Is-7 ta' Novembru, 2006

maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm 5,800 will not be considered.

Advt. No. 268. Sale tale quale of premises No. 38, Site B, Pembroke, under Block 3, Pembroke, Triq Pietro Darmenia. Offers below Lm5,900 will not be considered.

Advt. No. 269. Sale tale quale of premises No. 5, Site C, Pembroke, Trejqet Nazju Falzon with Triq Burma. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm5,200 will not be considered.

Advt. No. 270. Sale tale quale of premises No. 57, Site D, Pembroke, Triq Salvatore Castaldi. Offers below Lm5,800 will not be considered.

Advt. No. 271. Sale tale quale of premises No. 11, Site F, Pembroke, Triq Normandija. Offers below Lm5,400 will not be considered.

Advt. No. 272. Sale tale quale of premises No. 1, at Basement Level, 21st September 1964 Apartments, Sta. Luċija, Triq il-Prinjoli. This transfer is subject to the rent of Lm1.00 per annum as per conditions laid down with the attached tender document, which is marked with letter 'A'. Sale is subject to all servitudes for overlying maisonettes/flats as provided by law. Offers below Lm8,800 will not be considered.

Advt. No. 273. Sale tale quale of a premises No. 2, under Block C, Tarxien, Triq Alfier De Medran. Offers below Lm5,200 will not be considered.

Tender forms may be obtained from the Housing Authority, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, during office hours.

7th November, 2006

AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA

Iċ-*Chairman* jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-10 ta' Novembru, 2006 fil-kaxxa ta' l-offerti fl-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta Direttorat tat-Toroq, Triq Agius De Soldanis, Birkirkara, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. RD91/06. Kostruzzjoni ta' Triq il-Gardell, il-Mosta.

Avviż Nru. RD92/06. Kostruzzjoni ta' parti minn Triq il-Ħuttaf, il-Mosta.

THE MALTA TRANSPORT AUTHORITY

The Chairman notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at the Malta Transport Authority (ADT) Roads Directorate, Triq Agius De Soldanis, Birkirkara, up to 10.00 a.m. of Friday, 10th November, 2006 for:-

Advt. No. RD91/06. Construction of Triq il-Gardell, Mosta.

Advt. No. RD92/06. Construction of part of Triq il-Ħuttaf, Mosta.

Avviż Nru. RD93/06. Kostruzzjoni ta' parti minn Triq iż-Żraġen, Ħ'Attard.

Avviż Nru. RD94/06. Kostruzzjoni ta' Triq Bettija, Ħ'Attard.

Avviż Nru. RD95/06. Kostruzzjoni ta' triq kantuniera ma Triq it-Torri tal-Kaptan, in-Naxxar.

Avviż Nru. RD96/06. Kostruzzjoni ta' Triq Ġużeppina Psaila, ta' Swatar, Birkirkara.

Avviż Nru. RD97/06. Kostruzzjoni ta' Triq Raħal Ġdid. Ħal Tarxien.

Avviż Nru. RD98/06. Kostruzzjoni sal-livell ta' formazzjoni, Triq l-Għabex, l-Imsida (Fażi B).

Avviż Nru. RD99/06. Kostrizzjoni ta' parti minn Triq it-Tartarun, San Pawl il-Baħar.

Avviż Nru. RD100/06. Kostruzzjoni ta' parti minn Triq il-Ġnien, Ħad Dingli

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, l-14 ta' Novembru, 2006 fil-kaxxa ta' l-offerti fl-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta Direttorat tat-Toroq, Triq Agius De Soldanis, Birkirkara, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. RD87/06. Provvista ta' sinjali fit-toroq - Naħa tat-Tramuntana.

Avviż Nru. RD88/06. Provvista ta' sinjali fit-toroq - Naħa tan-Nofsinhar.

Avviż Nru. RD89/06. Provvista ta' sinjali fit-toroq - Naħa tal-Lvant.

Avviż Nru. RD90/06. Provvista ta' sinjali fit-toroq - Naħa tal-Punent.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Novembru, 2006 fil-kaxxa ta' l-offerti fl-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta Direttorat tat-Toroq, Triq Agius De Soldanis, Birkirkara, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. RD 101/06. Alineament temporanju f'Pender Place, San Ġiljan.

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar bil-ħlas ta' Lm50.00.

Is-7 ta' Novembru, 2006

Advt. No. RD93/06. Construction of part of Triq iż-Żraġen, Attard.

Advt. No. RD94/06. Construction of Triq Bettija, Attard.

Advt. No. RD95/06. Construction of street corner with Triq it-Torri tal-Kaptan, Naxxar.

Advt. No. RD96/06. Construction of Triq Ġużeppa Psaila, ta' Swatar, Birkirkara.

Advt. No. RD97/06. Construction of Paola Road, Tarxien.

Advt. No. RD98/06. Construction up to formation level of Triq l-Għabex, Msida (Phase B).

Advt. No. RD99/06. Construction of Triq it-Tartarun, St.Paul's Bay.Construction of part of Triq il-Ġnien, Dingli.

Advt. No. RD100/06. Construction of part of Triq il-Ġnien, Dingli.

Sealed tenders will be received in the tender box at the Malta Transport Authority (ADT) Roads Directorate, Triq Agius De Soldanis, Birkirkara, up to 10.00 a.m. of Tuesday, 14th November, 2006 for:-

Advt. No. RD87/06. Provision of road signage - North Area.

Advt. No. RD88/06. Provision of road signage - South Area.

Advt. No. RD89/06. Provision of road signage - East Area.

Advt. No. RD90/06. Provision of road signage - West Area.

Sealed tenders will be received in the tender box at the Malta Transport Authority (ADT) Roads Directorate, Triq Agius De Soldanis, Birkirkara, up to 10.00 a.m. of Friday, 17th November, 2006 for:-

Advt. No. 101/06. Temporary alignment at Pender Place, St. Julian's.

Forms of tender documents may be obtained from the Malta Transport Authority on any working day between 8.30 a.m. and noon at a fee of Lm50.00.

7th November, 2006

HERITAGE MALTA

Iċ-*Chief Executive Officer* tal-*Heritage Malta* jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Novembru, 2006, fl-Uffiċċju tal-Heritage Malta, Bini ta' l-Università Qadima, Triq il-Merkanti, Valletta, jintlaqgħu offerti magħluqin għall-provvista ta' sistema ta' l-elettriku għall-apparat ta' l-arja kondizzjonata fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Heritage Malta, Bini ta' l-Università Qadima, Valletta.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta.

Il-formoli ta' l-offerta u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mingħand l-Uffiċċju tal-Heritage Malta, Bini ta' l-Università l-Qadima, Triq il-Merkanti, Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol mit-8.30 a.m. u nofsinhar.

Is-7 ta' Novembru, 2006

HERITAGE MALTA

The Chief Executive Officer notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Offices, Heritage Malta, Old University Building, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 17th November, 2006, for the provision of electrical supplies to air conditioning units at Heritage Malta Head Office, Old University Building, Valletta.

A fee of Lm10 is to be paid for each tender document.

Forms of tender and other information may be obtained from the Offices Heritage Malta, Old University Building, Triq il-Merkanti, Valletta, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

7th November, 2006

STAMPERIJA TAL-GVERN

Id-Direttur, Stamperija tal-Gvern, jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, il-21 ta' Novembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. 10/2006. Żvilupp u stallazzjoni ta' Sistema ta' l-Informatika fl-Istamperja tal-Gvern.

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mill-i*Store Procurement Section,* Stamperija tal-Gvern, 29A, Qasam Industrijali, il-Marsa, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Is-7 ta' Novembru, 2006

GOVERNMENT PRINTING PRESS

The Director, Government Printing Press, notifies that:–

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Tuesday, 21st November, 2006, for:–

Advt. No. 10/2006. Development and installation of an Information Management System at the Government Printing Press.

Forms of tenders may be obtained from the Store Procurement Section, Government Printing Press, 29A, Industrial Estate, Marsa, during normal office hours.

7th November, 2006

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur Proġetti u Żvilupp, fil-Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Novembru, 2006, fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima tal-*Accounts,* Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, ir-Rabat, Għawdex jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. WB 45/2006. Provvista u konsenja ta' *reconditioned tipper truck* wieħed lid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp, Għawdex.

Avviż Nru. WB 46/2006. Provvista u konsenja ta' *reconditioned hydraulic platform mounted on a chassis/cab* waħda lid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp, Għawdex.

MINISTRY FOR GOZO

The Director Projects and Development, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Accounts Section, Department of Corporate Services, Victoria, Gozo by not later than 10.00 a.m. of Friday, 17th November, 2006, for:-

Advt. No. WB 45/2006. Supply and delivery of one (1) reconditioned tipper truck to the Department of Projects and Development, Gozo.

Advt. No. WB 46/2006. Supply and delivery of one (1) reconditioned hydraulic platform mounted on a chassis/cab to the Department of Projects and Development, Gozo.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi jistgħu jinkisbu mill-Fergħa tax-Xogħlijiet, ir-Rabat, Għawdex f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Is-7 ta' Novembru, 2006

A fee of Lm5 is to be paid for every copy of tender documents.

Tenders should be drawn out on the prescribed forms which, together with the relative conditions, can be obtained from the Works Branch, Victoria, Gozo on any working day during office hours.

7th November, 2006

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur tal-*Customer Services*, Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:-

Sa l-11.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-28 ta' Novembru, 2006, fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima ta' l-*Accounts,* ir-Rabat, Għawdex, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. D. Cust. S. 43/2006. Provvista u konsenja ta' frott u ħaxix għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sat-30 ta' Ġunju 2007.

Avviż Nru. D. Cust. S. 44/2006. Provvista u konsenja ta' patata għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sat-30 ta' Ġunju 2007.

Avviż Nru. D. Cust. S. 45/2006. Provvista u konsenja ta' ħobż għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għas-sena 2007.

Avviż Nru. D. Cust. S. 46/2006. Provvista u konsenja ta' bajd għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għas-sena 2007.

Avviż Nru. D. Cust. S. 47/2006. Ġarr ta' kadavri ta' nies foqra Għawdxin bil-karozza tal-mejtin għas-sena 2007.

Avviż Nru. D. Cust. S. 48/2006. Kiri ta' *skips* għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għas-sena 2007.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi, jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-*Accounts,* Ministeru għal Għawdex, ir-Rabat, u mit-Taqsima tal-Provvisti, Medical Stores Building, Sptar San Luqa, Guardamangia, Malta, f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Is-7 ta' Novembru, 2006

MINISTRY FOR GOZO

The Director Customer Services, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Accounts Section, Victoria, Gozo, by not later than 11.00 a.m. of Tuesday, 28th November, 2006, for:-

Advt. No. D. Cust. S. 43/2006. Supply and delivery of fruit and vegetables for Gozo General Hospital for the period 1st January 2007 to 30th June 2007.

Advt. No. D. Cust. S. 44/2006. Supply and delivery of potatoes for Gozo General Hospital for the period 1st January 2007 to 30th June 2007.

Advt. No. D. Cust. S. 45/2006. Supply and delivery of bread for Gozo General Hospital for the year 2007.

Advt. No. D. Cust. S. 46/2006. Supply and delivery of eggs for Gozo General Hospital for the year 2007.

Advt. No. D. Cust. S. 47/2006. Conveyance by motor hearses of deceased paupers in Gozo for the year 2007.

Advt. No. D. Cust. S. 48/2006. Hiring of skips for the service of Gozo General Hospital for the year 2007.

Tenders should be drawn out on the prescribed forms which together with the relative conditions can be obtained from the Accounts Section, Ministry for Gozo, Victoria and the Supplies Section, Medical Stores Building, St Luke's Hospital, Guardamangia, Malta, on any working day during office hours.

7th November, 2006

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur tal-*Customer Services*, Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Novembru, 2006, fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima ta' l-*Accounts,* ir-Rabat, Għawdex, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. D. Cust. S. 50/2006. Provvista u konsenja ta' apparat għal-laboratorju tal-bioloġija fl-Iskola Post Sekondarja Sir M.A Refalo ir-Rabat, Għawdex.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi, jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-*Accounts,* Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Għawdex, ir-Rabat, u mit-Taqsima tal-Provvisti, f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Is-7 ta' Novembru, 2006

MINISTRY FOR GOZO

The Director, Customer Services, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Accounts Section, Victoria, Gozo, by not later than 10.00 a.m. of Friday, 17th November, 2006, for:-

Advt. No. D. Cust. S. 50/2006. Supply and delivery of biology lab equipment for Sir M.A Refalo Post Secondary School, Victoria, Gozo.

Tenders should be drawn out on the prescribed forms which together with the relative conditions can be obtained from the Accounts Section, Department of Corporate Services, Ministry for Gozo, Victoria on any working day during office hours.

7th November, 2006

WASTESERV MALTA LTD.

Iċ-*Chief Executive Officer,* WasteServ Malta Ltd, jgħarraf illi:–

Sa mhux aktar tard minn-nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, l-14 ta' Novembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin fil-WastServ Malta Ltd, Phoenix Building, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, għal:–

Avviż Nru. WSM/015/2006. Xiri ta' vann *second hand* mill-Wasteserv Malta Ltd.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa mhux aktar tard minn-nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, il-21 ta' Novembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin fil-WastServ Malta Ltd, Phoenix Building, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, għal:–

Avviż Nru. WSM/016/2006. Kuntratt perjodiku għat-tqattigħ ta' saqqijiet.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta.

Il-formoli ta' l-offeri jistgħu jinkisbu flimkien ma' aktar tagħrif meħtieġ mill-uffiċċji tal-WasteServ Malta Ltd, Phoenx Building, Triq il-Ferrovija l-Antika, Santa Venera f'kull ġurnata tax-xogħol bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar.

Is-7 ta' Novembru, 2006

WASTESERV MALTA LTD.

The Chief Executive Officer, WasteServ Malta Ltd, notifies that:–

Sealed tenders will be received at the offices of WasteServ Malta Ltd at Phoenix Building, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, by not later than noon on Tuesday, 14th November, 2006, for:–

Advt. No. WSM/015/2006. Purchase of a second hand van by WasteServ Malta Ltd.

A fee of Lm20 will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the offices of WasteServ Malta Ltd at Phoenix Building, Triq il-Ferrovija, Santa Venera, by not later than noon on Tuesday, 21st November, 2006, for:–

Advt. No. WSM/016/2006. Period contract for the shredding of mattresses.

A fee of Lm10 will be charged for each tender document.

Forms of tenders may be obtained together with any further information required from the offices of WasteServ Malta Ltd, Phoenix Building, Old Railway Track, Santa Venera on any working day between 9.00 a.m. and noon.

7th November, 2006

MINISTERU TAL-FAMILJA
U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

Id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi fi ħdan il-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali jgħarraf illi sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, l-14 ta' Ottubru, 2006 jintlaqgħu offerti magħluqin fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment, li tinsab fis-Sular ta' Fuq (ħdejn kamra 417) fi 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, għal:-

Avviż Nru. 5/2006. Provvista u konsenja ta' *sleeping bags*.

Dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mis-Segretarjat, Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Kamra 416 (Ir-Raba' Sular), Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta waqt il-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju.

Is-7 ta' Novembru, 2006

MINISTRY FOR THE FAMILY
AND SOCIAL SOLIDARITY

The Director of Corporate Services within the Ministry for the Family and Social Solidarity notifies that sealed tender documents will be received in the Tender Box of the Department, situated at the Top Floor (near Room 417) at 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, up to 10.00 a.m. on Tuesday, 14th November, 2006, for:-

Advt. No. 5/2006. Supply and delivery of sleeping bags.

Tender documents may be collected from The Secretariat, Department of Corporate Services, Room 416 (Fourth Floor), Ministry for the Family and Social Solidarity, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, during normal office hours.

7th November, 2006

ISTITUT GĦALL-ISTUDJI FIT-TURIŻMU

Il-Kap ta' l-Amministrazzjoni jgħarraf illi:

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, l-4 ta' Diċembru, 2006, fil-Kaxxa ta' l-Offerti fl-istess Istitut, Taqsima ta' l-*Accounts*, Kamra 242, il-Bajja ta' San Ġorġ, San Ġiljan, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. ITS Ten/05/06. Xiri ta' vettura ġdida waħda (1).

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10.00 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom ikunu fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi u dokumenti oħra jinkisbu fuq applikazzjoni mill-indirizz imsemmi hawn fuq, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar u fis-1.00 p.m. u l-4.00 p.m.

Min huwa interessat jista' jattendi u jara l-ftuħ u l-iskedar ta' l-offerti nhar it-Tnejn, l-4 ta' Diċembru, 2006, f'nofsinhar.

Is-7 ta' Novembru, 2006

INSTITUTE OF TOURISM STUDIES

The Head of Administration notifies that:

Sealed tenders will be received in the Tender Box of the same Institute, Accounts Section, Room 242, St George's Bay, St Julians, up to 10.00 a.m. on Monday, 4th December, 2006, for:-

Advt. No. ITS Ten/05/06. Purchase of one (1) brand new car.

A fee of Lm10.00 is to be paid for every copy of tender document.

Tenders are to be made on the prescibed form which, together with the relative conditions and other documents are obtained on application from the above mentioned address, on any working day between 8.30 a.m. and noon and 1.00 p.m. and 4.00 p.m.

Interested persons may attend and witness the opening and scheduling of tenders on Monday, 4th December, 2006 at noon.

7th November, 2006

FOUNDATION FOR MEDICAL SERVICES

Il-*Foundation for Medical Services* fi ħsiebha tiddelega b'kuntratt it-tmexxija u l-provvista ta' servizzi ta' *catering* u *retail kiosk* għall-viżitaturi u *staff* fl-Isptar Mater Dei.

Il-Fondazzjoni għalhekk tixtieq tagħlaq kuntratt esklussiv għall-provvista ta' dawn is-servizzi.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mingħand:

FOUNDATION FOR MEDICAL SERVICES

The Foundation for Medical Services intends to outsource the management and the provision of catering and retail kiosk services to visitors and staff at Mater Dei Hospital.

The Foundation therefore intends to conclude an exclusive contract for the provision of these services.

Tender documents may be obtained from:

Ms Diane Bezzina,
Foundation for Medical Services,
Block A2, Level 10,
L-Isptar Mater Dei,
Dawret Birkirkara,
Birkirkara BKR 14

Tel. Nru. (+356) 2381 6053
Fax: Nru. (+356) 2148 9433

E-mail: diane.bezzina@fms.com.mt

Id-data ta' l-għeluq ta' meta jintlaqgħu l-offerti hija nhar it-Tnejn, il-11 ta' Novembru, 2006, fl-10.00 a.m. L-offerti għandhom jintbagħtu fl-indirizz imsemmi hawn fuq.

Dawk interessati jistgħu jaraw il-post fejn se jingħataw is-servizzi nhar il-Ġimgħa, l-10 ta' Novembru, 2006 fid-9.00 a.m. fl-Isptar Mater Dei, fl-istess indirizz imsemmi hawn fuq.

Dawk interessati għandhom jgħarrfu lil Ms Bezzina bl-ismijiet ta' dawk li jixtiequ jattendu għal din iż-żjara mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, id-9 ta' Novembru, 2006.

Is-7 ta' Novembru, 2006

DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA

Id-Direttur Ġenerali (Saħħa) jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Novembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. MCH 7/2006. Manifattura, provvista u mmuntar ta' għamara/*units* għas-Sala Santa Giovanna Antida Fażi 2 u 3 fl-Isptar Monte Carmeli.

Avviż Nru. MCH 251/2006. Servizzi ta' Inġinier kwalifikat fl-Isptar Monte Carmeli.

Il-formoli ta' l-offerta u aktar tagħrif dwar il-kundizzjonijiet ta' din l-offerta jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-*Accounts*, Sptar Monte Karmeli, Triq Notabile, Ħ'Attard mit-8.00 a.m. sa nofsinhar.

Qabel ma jingħabru d-dokumenti ta' l-offerti, min jitfa' l-offerta għandu jħallas dritt ta' Lm15 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta lid-Direttur, Uffiċċju tal-Finanzi u Amministrazzjoni, l-Isptar Monte Carmeli, Triq Notabile, Ħ'Attard.

Is-7 ta' Novembru, 2006

Ms Diane Bezzina,
Foundation for Medical Services,
Block A2, Level 10,
Mater Dei Hospital,
Birkirkara By-Pass,
Birkirkara BKR 14

Tel. No. (+356) 2381 6053
Fax: No. (+356) 2148 9433

E-mail: diane.bezzina@fms.com.mt

The closing date for the receipt of this tender is Monday, 11th December, 2006 at 10.00 a.m. Tenders are to be submitted to the above mentioned address.

Interested parties may attend for a site visit on Friday,10th November, 2006, at 9.00 a.m. at Mater Dei Hospital, at the above mentioned address.

Those interested are to inform Ms Bezzina about the names of those who would like to attend the site visit by not later than noon of Thursday, 9th November, 2006.

7th November, 2006

DEPARTMENT OF HEALTH

The Director General (Health) notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Tuesday, 28th November, 2006, for:-

Advt. No. MCH 7/2006. Manufacture, supply and fitting of furniture/units for St Jeanne Antide Ward, Phase 2 and 3 at Mount Carmel Hospital.

Advt. No. MCH 251/2006. Services of a Qualified Engineer at Mount Carmel Hospital.

Forms of tender and further information regarding the conditions of these tenders may be obtained from the Accounts Section, Mount Carmel Hospital, Triq Notabile, Attard from 8.00 a.m. to noon.

Before collecting the tender documents, prospective tenderers are to pay a fee of Lm15 each at the Director, Finance and Administration Office, Mount Carmel Hospital, Notabile Road, Attard.

7th November, 2006

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi:-

Sa l-11.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-28 ta' Novembru, 2006, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. 25/2006. Xkaffar (ta' l-injam) għall-librerija.

Il-kwotazzjonijiet għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mill-Uffiċċju tas-Segretarju fi Blokk Ċ fil-Junior Lyceum tal-Bniet Maria Reġina, Triq Mountbatten, Blata l-Bajda f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-kwotazzjonijiet għandhom ikunu magħluqa f'*envelope* indirizzat minn qabel u mitfugħa fil-Kaxxa tal-Kwotazzjonijiet, fl-Uffiċċju tas-Segretarju fi Blokk Ċ fil-Junior Lyceum tal-Bniet Maria Regina, Triq Mountbatten, Blata l-Bajda.

Is-7 ta' Novebru, 2006

EDUCATION DIVISION

The Director of Education notifies that:-

Sealed quotations will be received up to 10.00 a.m. on Tuesday, 28th November, 2006, for:-

Quot. No. 25/2006. Shelving units (wood) for library.

Quotations should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained on application from the Secretary's Office in Block C at Maria Regina Girls' Junior Lyceum, Mountbatten Street, Blata l-Bajda on any working day between 8.30 a.m. and noon.

Quotations should be enclosed in the ready-addressed envelope and deposited in the Quotation Box, located at the Secretary's Office in Block C at Maria Regina Girls' Junior Lyceum, Mountbatten Street, Blata l-Bajda.

7th November, 2006

KORPORAZZJONI TAX-XOGĦOL U TAĦRIĠ

Il-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ tgħarraf illi b'riferenza għall-Offerta Nru. ETC/10/2006 ippubblikata fuq il-*website* ta' l-ETC (www.etc.gov.mt) dwar *field research*, id-data ta' l-għeluq hija l-15 ta' Novembru, 2006 u mhux kif avżat qabel.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ, Ħal Far, Birżebbuġa BBG 06.

Is-7 ta' Novembru, 2006

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

The Employment and Training Corporation notifies that with reference to Tender No. ETC/10/2006 published on the ETC website (www.etc.gov.mt) regarding field research, the closing date is the 15th November, 2006 and not as previously notified.

Tender documents are available are available for collection from the Employment and Training Corporation, Head Office, Ħal Far, Birżebbugia BBG 06.

7th November, 2006

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, il-15 ta' Novembru 2006, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Espressjoni ta' interess *(Public Private Partnership)* - Immaniġjar ta' parkeġġ f'Pembroke.

Kwot. Nru. 16/2006. Provvista ta' servizz ta' konsulenza għall-applikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tagħhom għal skemi, programmi u proġetti li joriġinaw minn programmi ta' l-EU.

Kwot. Nru. 17/2006. Provvista ta' servizz ta' tindif ta' l-

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

The Pembroke Local Council notifies that:-

Sealed quotations will be received at the Council's Administrative Office up to 11.00 a.m. of Wednesday, 15th November 2006, for:-

Expression of Interest (Public Private Partnership) - Managing of a parking area in Pembroke.

Quot. No. 16/2006. Provision of consultancy services for applications and the implementation of schemes, programmes and projects originating from EU programmes and funds.

Quot. No. 17/2006. Provision of cleaning services for the

Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill ta' sagħtejn għal darbtejn fil-ġimgħa fil-ħinijiet ta' filgħodu.

Kwot. Nru. 18/2006. Provvista u stallazzjoni ta' żewġ (2) strutturi tal-ħadid inkluż żewġ (2) *basketball boards*.

By virtue of a decree delivered by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, on the 26th October 2006 in the records of judicial sale by auction number 12/2006 in re "Francis Sultana versus Salvu Sciberras", Monday, 11th December 2006 from 9.00 a.m. to noon has been scheduled for the sale by auction of the Land Rover bearing registration number JAR 515 seized from the possession of respondent in virtue of a warrant of seizure in same names bearing number 108/2006, and which sale will be held at the Gozo Courts' edifice, in Cathedral Square, Victoria, Gozo.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Superjuri,
Sezzjoni Ġenerali

Illum 3 ta' Novembru 2006

ANTHONY MIZZI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali Għawdex

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)
Superior Jurisdiction
General Section

This 3rd November 2006

ANTHONY MIZZI
For the Registrar Gozo Courts and Tribunals

1682

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Ottubru 2006, Ċitazzjoni numru 809/1995 (K) GCD fl-ismijiet Victoria sive Vivie armla ta' Carmelo Cremona, Josephine mart John Mary sive Jimmy Gatt, u l-istess Jimmy Gatt għal kull interesss li għandu, Anna mart Leo Grech, u l-istess Leo Grech għal kull interess li għandu, Stephen Cremona u Cornelia mart l-istess Stephen Cremona għal kull interess li għandha versus Carmelo Chetcuti f'ismu proprio u l-istess Carmelo Chetcuti bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Salvatore Estates Limited; u b'digriet tat-22 ta' Ottubru 1998 is-soċjetà Mid-Med Bank p.l.c. illum HSBC Bank Malta p.l.c. ġiet ammessa fil-kawża in statu et terminis, ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-imsemmi digriet a tenur ta' l-Artikolu 515 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 10th October 2006, Writ of Summons number 809/1995 (K) GCD, in the names Victoria sive Vivie widow of Carmelo Cremona, Josephine wife of John Mary sive Jimmy Gatt, and the same Jimmy Gatt for any interest he might have, Anna wife of Leo Grech, and the same Leo Grech for any interest he might have, Stephen Cremona and Cornelia wife of the same Stephen Cremona for any interest she might have, versus Carmelo Chetcuti in his own name and the same Carmelo Chetcuti as director in the name and in representation of the company Salvatore Estates Limited; and by decree of the 22nd October 1998 the company Mid-Med Bank p.l.c. today HSBC Bank Malta p.l.c. was admitted into the cause in statu et terminis, ordered the publication of the said decree in terms of Article 515 of the Commercial Code.

Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Imħallef

L-Onor. Giannino Caruana Demajo, LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Ottubru 2006.

Numru 17.

In the First Hall Civil Court

Judge

Hon. Giannino Caruana Demajo, LL.D.

Sitting of Tuesday 10th October 2006.

Number 17.

Ċitazzjoni 809/1995

Victoria sive Vivie armla ta' Carmelo Cremona, Josephine mart John Mary sive Jimmy Gatt, u l-istess Jimmy Gatt għal kull interess li għandu, Anna mart Leo Grech, u l-istess Leo Grech għal kull interess li għandu, Stephen Cremona u Cornelia mart l-istess Stephen Cremona għal kull interess li għandha

versus

Carmelo Chetcuti f'ismu proprio u l-istess Carmelo Chetcuti bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Salvatore Estates Limited; u b'digriet tat-22 ta' Ottubru 1998 is-soċjetà Mid-Med Bank p.l.c. illum HSBC Bank Malta p.l.c. ġiet ammessa fil-kawża in statu et terminis

Dan huwa digriet ta' verifika tal-krediti tal-falluti Carmelo Chetcuti u Salvatore Estates Limited taħt l-Art. 514 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Wara li rat ir-rikors ta' Victoria Cremona et, ippreżentat fis-16 ta' Marzu 2005, ir-rikors tas-soċjetà Transmec Services Limited, ippreżentat fis-16 ta' Marzu 2005, ir-rikors tas-soċjetà HSBC Bank Malta p.l.c. ippreżentat fl-1 ta' April 2005, u r-rikors ta' David Borg tat-28 ta' Frar 2006 u rat ukoll il-lista ta' kredituri mħejjija mill-kuraturi tal-falliment, il-Qorti tammetti dawn il-krediti:

1. Victoria sive Vivie armla ta' Carmelo Cremona, Josephine mart John Mary sive Jimmy Gatt, xebba Cremona, Anna mart Leo Grech, xebba Cremona, u Stephen Cremona, bħala suċċessuri ta' Carmelo Cremona, li joqogħdu Villa Feluka, Qawra Point, il-Qawra, huma kredituri tal-falluti Carmelo Chetcuti u Salvatore Estates Limited, li huma debituri tagħhom in solidum, fis-somma ta':

a) erba' mitt lira (Lm400) u l-imgħaxijiet relattivi bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) fis-sena b'seħħ mill-10 ta' Jannar 1981, skond kuntratt tat-13 ta' Jannar 1981 fl-atti tan-Nutar Angelo Vella;

b) ħmistax-il elf lira (Lm15,000) u l-imgħaxijiet relattivi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'seħħ mill-1 ta' Mejju 1988, skond sentenza fl-ismijiet Carmelo Cremona vs Carmelo Chetcuti proprio et nomine mogħtija fil-31 ta' Mejju 1989 mill-Qorti tal-Kummerċ;

Writ of Summons 809/1995

Victoria sive Vivie widow of Carmelo Cremona, Josephine wife of John Mary sive Jimmy Gatt, and the same Jimmy Gatt for any interest he may have, Anna wife of Leo Grech, and the same Leo Grech for any interest he may have, Stephen Cremona and Cornelia wife of the same Stephen Cremona for any interest she may have

versus

Carmelo Chetcuti in his own name and the same Carmelo Chetcuti as director in the name and in representation of the company Salvatore Estates Limited; and by decree of the 22nd October 1998, the company Mid–Med Bank p.l.c. today HSBC Bank Malta p.l.c. was admitted in the cause in statu et terminis.

This is a decree regarding the verification of credits of the bankruptcies Carmelo Chetcuti and Salvatore Estates Limited in terms of Article 514 of the Commercial Code.

Following the application of Victoria Cremona et, filed on the 16th March 2005, the application of the Company Transmec Services Limited, filed on the 16th March 2005, the application of the company HSBC Bank Malta p.l.c. filed on the 1st April 2005 and the application of David Borg on the 28th February 2006, and having seen the list of creditors prepared by the curators of the bankruptcy, the Court admitted these credits;

1. Victoria sive Vivie widow of Carmelo Cremona, Josephine wife of John Mary sive Jimmy Gatt, neé Cremona, Anna wife of Leo Grech, neé Cremona and Stephen Cremona as successors of Carmelo Cremona who live at Villa Feluka, Qawra Point, Qawra, are creditors of the bankrupt Carmelo Chetcuti and Salvatore Estates Limited, who are their debtors in solidum in the sum of:

a) four hundred liri (Lm400) and the relative interest at the rate of five per cent (5%) per annum with effect from the 10th January 1981, according to a contract of the 13th January 1981 in the records of Notary Angelo Vella;

b) fifteen thousand liri (Lm15,000) and the relative interests of eight per cent (8%) per annum with effect from the 1st May 1988, according to a judgement in the names Carmelo Cremona vs Carmelo Chetcuti proprio et nomine delivered on the 31st May 1989 by the Commercial Court;

ċ) erbatax-il elf u sitt mitt lira (Lm14,600) u l-imgħaxijiet relattivi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'seħħ mill-10 ta' Lulju 1988, skond sentenza fl-ismijiet Carmelo Cremona versus Carmelo Chetcuti proprio et nomine mogħtija fil-31 ta' Mejju 1989 mill-Qorti tal-Kummerċ; u

d) l-ispejjeż intaxxati tal-kawża fl-ismijiet Carmelo Caruana versus Carmelo Chetcuti proprio et nomine (ċitazzjoni numru 270/1989) maqtugħa b'sentenza tal-31 ta' Mejju 1989 mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ.

2. Is-soċjetà Transmec Services Limited, ta' Cavour, Triq il-Wied, il-Mosta, hija kreditriċi tal-fallut Carmelo Chetcuti proprio fis-somma ta':

a) elfejn, mitejn u tmienja u tmenin lira u dsatax-il ċenteżmu (Lm2,288.19) u l-imgħaxijiet relativi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'seħħ mit-12 ta' Ottubru 1987, skond sentenza fl-ismijiet Paul Camilleri nomine versus Carmel sive Charles Chetcuti mogħtija fl-20 ta' Novembru 1987 mill-Qorti tal-Kummerċ; u

b) l-ispejjeż intaxxati tal-kawża fl-ismijiet Paul Camilleri nomine versus Carmel sive Charles Chetcuti (Ċitazzjoni numru 890/1987) maqtugħa b'sentenza ta' l-20 ta' Novembru 1987 mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ.

3) is-soċjetà HSBC Bank Malta p.l.c. ta' 116, Triq l-Arċisqof, il-Belt Valletta, hija kreditriċi tal-falluti Carmelo Chetcuti u Salvatore Estates Limited, li huma debituri tagħha in solidum, fis-somma ta' disgħa u ħamsin elf, sitt mija u disa' liri u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm59, 609.47) u l-imgħaxijiet legali relattiv b'seħħ mill-1 ta' April 2005, bilanċ li fadal mis-somom li sejrin jissemmew, li huma;

a) tmienja u tmenin elf, seba' mija u tmienja u għoxrin lira u tnejn u disgħin ċenteżmu (Lm88,728.92) u l-imgħaxijiet relattivi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'seħħ mit-23 ta' Settembru 1990, skond sentenza fl-ismijiet Avukat Henry sive Eric Mamo nomine versus Carmelo Chetcuti proprio et nomine mogħtija fit-30 ta' Mejju 1991 mill-Qorti tal-Kummerċ;

b) elfejn, tliet mija u sitta u tletin lira u tnejn u erbgħin ċenteżmu (Lm2,336.42) spejjeż intaxxati tal-kawża fl-ismijiet Avukat Henry sive Eric Mamo nomine versus Carmelo Chetcuti proprio et nomine (ċitazzjoni numru 6/1991) maqtugħa b'sentenza tat-30 ta' Mejju 1989 mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ; u

c) fourteen thousand and six hundred liri (Lm14,600) and the relative interest at the rate of eight per cent (8%) with effect from the 10th July 1988, according to a judgement in the names Carmelo Cremona versus Carmelo Chetcuti proprio et nomine delivered on the 31st May 1989 by the Commercial Court; and

d) the taxed costs of the cause in the names Carmelo Caruana versus Carmelo Chetcuti proprio et nomine (Writ of summons number 270/1989) decided by a judgement of the 31st May 1989 delivered by the Commercial Court.

2. the company Transmec Services Limited of Cavour, Wied Street, Mosta, is a creditor of the bankrupt Carmelo Chetcuti propio in the sum of:

a) two thousand, two hundred and twenty eight liri and nineteen cents (Lm2,288.19) and the relative interests at the rate of eight per cent (8%) per annum with effect from the 12th October 1987, according to a judgement in the names Paul Camilleri nomine versus Carmel sive Charles Chetcuti given on the 20th November 1987 by the Commercial Court; and

b) the taxed costs of the cause in the names Paul Camilleri nomine versus Carmel sive Charles Chetcuti (Writ of Summons number 890/1987) decided by a judgement of the 20th November 1987 delivered by the Commercial Court.

3. the company HSBC Bank Malta p.l.c. of 116, Archbishop Street, Valletta is a creditor of the Bankrupt Carmelo Chetcuti and Salvatore Estates Limited, who are its debtors in solidum, in the sum of fifty nine thousand six hundred and nine liri and forty seven cents (Lm59,609.47) and the relative legal interests with effect from the 1st April 2005, balance left of the sums that shall be mentioned, which are:

a) eighty eight thousand, seven hundred and twenty eight liri and ninety two cents (Lm88,728.92) and the relative interests at the rate of eight per cent per annum with effect from the 23rd September 1990, according to a judgement in the names Advocate Henry sive Eric Mamo nomine versus Carmelo Chetcuti proprio et nomine delivered on the 30th May 1991 by the Commercial Court;

b) two thousand, three hundred and thirty six liri and forty two cents (Ln2,336.42) taxed costs of the cause in the names Advocate Henry sive Eric Mamo nominee versus Carmelo Chetcuti proprio et nomine (writ of summons number 6/1991) decided by a judgement of the 30th May 1989 delivered by the Commercial Court; and

ċ) tlieta u tletin lira u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (Lm33.45) spejjeż intaxxati tal-kawża fl-ismijiet Prokuratur Legali Adrian Borg nomine versus Carmelo Chetcuti proprio et nomine (ċitazzjoni numru 1184/1994) maqtugħa b'sentenza tat-28 ta' Ottubru 1994 mogħtija mil-Qorti tal-Kummerċ.

Dwar il-kreditu pretiż minn David Borg, ta' Sawasdee, 2 Misraħ Darnino, in-Naxxar, ir-rikors tat-28 ta' Frar 2006, igħid illi dan il-kreditu jirriżulta minn kitbiet li kellhom jiġu mehmuza mar-rikors bħala dok A-C. It-timbru tal-preżentata iżda juri illi r-rikors ġie ppreżentat bla dokumenti. Ma saret ebda prova oħra ta' dan il-kreditu u għalhekk fin-nuqqas ta' kull prova, il-kreditu vantat minn David Borg ma jistax jiġi ammess.

Il-Qorti, għalhekk wara li tammetti l-krediti ta' Victoria Cremona et, ta' Transmec Services Limited u ta' HSBC Bank Malta p.l.c., iżda mhux ukoll dak ta' David Borg, tordna illi dan id-digriet jiġi depożitat fir-reġistru u mxandar b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, u f'żewġ gazzetti ta' kuljum, waħda bil-Malti u waħda bl-Ingliż. Tordna wkoll li jingħata avviż tad-depożitu tad-digriet lill-falluti u lill-imsemmija Victoria Cremona et, lil Transmec Services Limited, lil HSBC Bank Malta p.l.c. u lil David Borg. Avviż għandhu jingħata wkoll lill-Kuratur Avukat David Grech sabiex dan jimxi kif irid l-Art. 516 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Is-smigħ huwa differit għal nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru 2006, fis-1.00 p.m., sabiex dakinhar issir il-laqgħa tal-krediturи li l-krediti tagħhom ġew ammessi, u li għaliha għandhom jattendu wkoll u l-Avukat David Grech kuratur tal-falliment u sabiex il-falluti jipproponu l-kundizzjonijiet ta' l-akkordju kif irid l-Art. 519 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Iffirmat: Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Iffirmat: Maruska Baldacchino
Dep. Reġ.

Għal kull buon fini jiġi ddikjarat illi permezz ta' Nota ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-20 ta' Ottubru 2006, fiċ-Ċitazzjoni 809/1995 GCD hawn fuq imsemmija, fl-ismijiet Victoria sive Vivie armla ta' Carmelo Cremona et vs Carmelo Chetcuti pro et noe, il-Kuraturi Avukat David Grech u Accountant David Pace, ippreżentaw Lista tal-Krediturи li ma dehrux, u dan ai termini ta' l-Artikolu 516 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, u kif ordnat bid-digriet mogħti minn din l-Onorabbli

c) thirty three liri and forty five cents (Lm33.45) taxed costs of the case in the names Legal Procurator Adrian Borg nomine versus Carmelo Chetcuti proprio et nomine (Writ of Summons number 1184/1994) decided by a judgement of the 28th October 1994 delivered by the Commercial Court.

Regarding the credit pretended by David Borg, of Sawasdee, 2 Darnino Square, Naxxar, the application of the 28th February 2006, states that this credit results from writings which had to be attached with the application as Docs A-C. The rubber stamp of the filing shows that the application was filed without documents. No proof was brought of this credit and thus in the absence of any proof, the credit vaunted by David Borg cannot be admitted.

The Court thus after admitting the credits of Victoria Cremona et, of Transmec Services Limited and of HSBC Bank Malta p.l.c. , but not that of David Borg, orders that this decree be deposited in the registry and notified by means of publication in the Government Gazette and two dailies, one in Maltese and one in English. Orders also that notice of the deposit of the decree be given to the bankrupts, and to the said Victoria Cemona et Transmec Services Limited, HSBC Bank Malta p.l.c. and David Borg. Notice is to be given to the Curator Adovcate David Grech so that he may proceed according to art. 516 of the Commercial Code.

The hearing is put off to Monday 23rd October 2006, at 1.00 p.m., so that on that day there be held the meeting of the creditors whose credits were admitted and there are to attend also Advocate David Grech curator of the bankruptcy and so that the bankrupts propose the conditions of agreement as required by Art. 519 of the Commercial Code.

Signed: Giannino Caruana Demajo
Judge

Signed: Maruska Baldacchino
Dep. Reg.

For all intents and purposes it is hereby declared that by means of a Note filed in the First Hall Civil Court, on the 20th October 2006, in the Writ of Summons 809/1995 GCD, above mentioned, in the names Victoria sive Vivie widow of Carmelo Cremona et vs Carmelo Chetcuti pro et noe, the Curators Advocate David Grech and Accountant David Pace, filed a List of Creditors who did not appear, and this in terms of Article 516 of the Commercial Code, and this as ordered

Qorti fl-10 ta' Ottubru 2006, hawn fuq riprodott.

B'ordni ta' l-istess Qorti tat-23 ta' Ottubru 2006, il-kawża hawn fuq imsemmija numru 809/95 GCD fl-ismijiet Cremona Victoria sive Vivie et vs Chetcuti Carmelo pro et noe, ġiet differita għall-11 ta' Diċembru 2006, f'nofsinhar.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Novembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

by a decree given on the 10th October 2006, above reproduced.

By order of the same Court of the 23rd October 2006 the cause above mentioned number 809/95 GCD in the names Cremona Victoria sive Vivie et vs Chetcuti Carmelo pro et noe was put off to the 11th December 2006, at noon.

Registry of the Superior Courts, today 3rd November 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1683

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim' Awla permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Ottubru 2006, fl-atti tar-Rikors numru 672/06 JRM, fl-ismijiet Saviour Pisani noe kontra Alfred Galea et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ġuramentat ta' Saviour Pisani, ippreżentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fil-21 ta' Lulju 2006, fl-ismijiet Saviour Pisani in rappreżentanza tal-*partnership* kummerċjali 'Swieqi Investments' (P Comm 28) vs Alfred u Carmen konjugi Galea, ir-rikorrent Saviour Pisani espona bir-rispett;

Illi fl-24 ta' Frar 2004, ġie ffirmat ftehim ta' lokazzjoni bejn il-*partnership* Kummerċjali Swieqi Investments u Alfred u Carmen konjugi Galea, tal-fond ossija garage ġja ħanut bin-numru tmienja u għoxrin (28) Triq il-Qasam Swieqi (Dok A);

Illi l-intimati naqsu milli jħallsu l-kera sa mill-15 ta' Lulju 2004 u fid-19 ta' Novembru 2005, ir-rikorrenti intavolaw ittra uffiċjali kontra l-intimati, ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għall-ħlas tas-somma ta' Lm3,058, rappreżentanti l-kera għall-perjodu mill-15 ta' Lulju 2004 sat-3 ta' Novembru 2005, liema ittra uffiċċjali ġiet reġistrata bħala titolu eżekuttiv (Dok. B).

Illi oltre s-somma fuq indikata l-intimati huma debituri tar-rikorrenti wkoll fis-somma ta' Lm1,788, rappreżentanti l-kera għall-perjodu mill-4 ta' Novembru 2005 sad-19 ta' Lulju 2006, iżda nonostante illi l-intimati ġew interpellati sabiex iħallsu huma baqgħu inadempjenti.

Illi ai termini tal-ftehim ta' l-okażżjoni (Dok. A) senjatament l-artikolu 4a, stante illi l-intimati ġew notifikati

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 11th October 2006, in the records of the Application number 672/06 JRM, in the names Saviour Pisani noe against Alfred Galea et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a sworn Application of Saviour Pisani, filed in the First Hall Civil Court, on the 21st July 2006, in the names Saviour Pisani in representation of the commercial partnership 'Swieqi Investments' (P Comm 28) vs Alfred and Carmen spouses Galea, the applicant Saviour Pisani, pleaded with respect;

That on the 24th February 2004, a lease agreement was signed between the Commercial partnership Swieqi Investments and Alfred and Carmen spouses Galea, of the premises or rather garage previously shop with number twenty eight (28) Qasam Street, Swieqi;

That the respondents failed to pay the rent from the 15th July 2004 and on the 19th November 2005, the applicants filed a judicial letter against the respondents in terms of Article 166A of Cap. 12 of the Laws of Malta for the payment of the sum of Lm3,058, representing the rent for the period from the 15th July 2004 till the 3rd November 2005, which judicial letter was registered as an executive title (Doc. B).

That besides the sum above indicated the respondents are debtors of the applicant also in the sum of Lm1,788 representing the rent for the period from the 4th November 2005 till the 19th July 2006, but notwithstanding that the respondents were called to pay they remained in default.

That in terms of the lease agreement (Doc A) precisely article 4a, since the respondents were notified with the judicial

bl-ittra uffiċċjali fuq imsemmija (Dok. B) u dan nonostante baqgħu ma ħallsux l-kera dovuta, il-ftehim ta' l-okażżjoni għandhu jitqies bħala terminat u konsegwentement l-intimati għandhom jivvakaw l-fond mikri minnufih.

Illi għalhekk jissusistu r-rekwiżiti ta' dak kontemplat fl-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk l-intimati għandhom jiġu żgumbrati mill-fond apparti illi jħallsu l-kera dovuta.

Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex dina l-Qorti ma għandhiex (1) taqta' u tiddeċiedi il-kawża ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u cioé bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża (2) tiddikjara l-okażżjoni ta' l-24 ta' Frar 2004 bħala waħda terminata u konsegwentement tordna lill-intimati jivvakaw l-fond de quo u jikkonsenja ċ- ċwievet relattivi lill-rikorrenti fi żmien qasir u perentorju li tiffissa din l-Onorabbli Qorti; (3) tiddikjara l-intimati bħala debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' elf seba' mija sitta u sittin lira Maltin (Lm1,766) rappreżentanti kera għall-perjodu mill-4 ta' Novembru 2005 sad-19 ta' Lulju 2006 u konsegentement tordna lil-intimati sabiex iħallsu lir-rikorrenti s-somma fuq indikata jew somma verjuri li tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti kollox skond kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi. B' riserva ta' kwalsiasi azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti senjatament dik għad-danni u kumpens sakemm fattwalmenmt il-pussess tal-propjretà tirriverti lura lir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż , kif jingħad-fir-rikors kontra l-intimati li minn issa jibqaw inġunti għas-subizzjoni tagħhom.

Xhieda.

Dokumenti.

Notifika: 27 Sunbean Flat 3, Triq Gort San Ġiljan.

Ir-Rikors Numru 672/06 JRM, fl-ismijiet Pisani Saviour vs Galea Alfred et jinsab differit għal-15 ta' Novembru 2006, fid-9.00 am.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Novembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

letter above mentioned (Doc. B) and this notwithstanding they did not pay the rent due, the lease agreement is to be considered as terminated and consequently the respondents are to vacate the premises leased immediately.

That thus there exist the requisites of that contemplated in article 167 of Cap. 12 of the Laws of Malta and thus the respondents are to be evicted from the premises, besides paying the rent due.

Thus the respondents are to state why this Honourable Court should not (1) decide the cause in terms of article 167 of the Code of Civil Procedure and that is without proceeding to a hearing of the cause (2) declare the lease of the 24th February 2004, as terminated and consequently order the respondents to vacate the premises de quo and deliver the relative keys to the applicant within a short and peremptory period that this Court shall fix; (3) declare the respondents as debtors of the applicant in the sum of one thousand seven hundred and sixty six Maltese Liri (Lm1,766) representing rent for the period from the 4th November 2005 till the 19th July 2006 and consequently order the respondents to pay the applicant the sum above indicated or more correct sum that shall be indicated by this Honourable Court- everything as stated above and for the reasons above premised. Saving any other action due to the applicants especially that for damages and compensation till the possession of the property factually reverts to the applicants.

With costs, as stated in the application, against the respondents from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Witnesses.

Documents.

Service at: 27 Sunbean Flat 3, Gort St. Julian's.

The Application Number 672/06 JRM, in the names Pisani Saviour vs Galea Alfred et has been put forward to the 15th November 2006, at 9.00 am.

Registry of the Superior Courts, today 6th November 2006.

Adv. Dr. Frank Portelli, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1684

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet tat-Tribunal għat-Talbiet Żgħar mogħti fis-17 ta' Ottubru 2006 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' Avviż ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) il-kawża Avviż Numru 915/2005MK fl-ismijiet Stephen Camilleri (ID 709662M) vs Chris Cachia noe, li kienet ġiet mibgħuta Sine Die fis-16 ta' Mejju 2006 reġgħet ġiet imqiegħda għas-smigħ għall-5 ta' Ottubru 2006 fin-12.30 p.m. quddiem il-Ġudikatur Dr Maria Karlsson il-kawża ġiet sussegwentement differita għas-16 ta' Novembru 2006 fis-13.30 p.m..

Notifika Chris Cachia noe: 25b, Mdina Road, Żebbuġ.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 6 ta' Novembru 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of the 17th October 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of a Notice of a case which was set down again for hearing issued by the Registry of the Courts of Magistrates (Malta) the cause Notice Number 915/2005MK, in the names Stephen Camilleri (ID709662M) vs Chris Cachia noe which has been Sine Die on 16th May 2006 was set down again for hearing on 5th October 2005 at 12.30 p.m. before the Adjudicator Dr Maria Karlsson and the cause was subsequently adjorned for the 16th November 2006 at 1.30 p.m.

For the purpose of sevice Chris Cachia: 25b, Mdina Road, Żebbuġ.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 6th November 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1685

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar mogħti fl-10 ta' Ottubru 2006 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' Avviż ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) il-kawża Avviż Numru 2324/2003PBC fl-ismijiet Jeantoine Magri et vs John Buġeja et, li kienet ġiet mibgħuta Sine Die fis-7 ta' Diċembru 2004 reġgħet ġiet imqiegħda għas-smiegħ għat-13 ta' Ottubru 2005 fin-12.30 p.m. quddiem il-Ġudikatur Dr Peter Borg Costanzi il-kawża ġiet sussegwentement differità għall-14 ta' Novembru 2006 fis-1.00 p.m.

Notifika John Bugeja u Sebastian Dalli:
1. Snooker Hall, Ball Street, Paceville jew
2. Best in Town, 21st September Ave., Naxxar; jew
3. Papillon, 16, Triq 20 ta' Jannar, Qormi.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 6 ta' Novembru 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of the 10th October 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of a Notice of a cause which was set down again for hearing issued by the Registry of the Courts of Magistrates (Malta) the cause Notice Number 2324/2003PBC, in the names Jeantoine Magri et vs John Bugeja et which has been Sine Die on 7th December 2004 was set down again for hearing on 13th October 2005 at 1.00 p.m. before the Adjudicator Dr Peter Borg Costanzi and the cause was subsequently adjorned for the 14th November 2006 at 1.00 p.m.

For the purpose of sevice John Bugeja and Sebastian Dalli:
1. Snooker Hall, Ball Street, Paceville or
2. Best in Town, 21st September Ave., Naxxar or;
3. Papillon, 16, Triq 20 ta' Jannar, Qormi.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 6th November 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1686

Ikun jaf kulħadd illi il-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Ottubru 2006, fl-atti tar-Rikors numru 704/06, fl-ismijiet Scerri Paul et vs Debono John et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 11th October 2006, in the records of the Application number 704/06, in the names Scerri Paul et vs Debono John et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 ta' Awissu 2006, fl-ismijiet Paul Scerri u Carmen Scerri li għandhom in-numru tal-karta ta' l-Identità 442066M u 16019A rispettivament vs John Debono u martu Carmela Debono, ir-rikorrenti Paul Scerri u Carmen Scerri, karti ta' l-identità numrri 442066M u 16019A, esponew bir-rispett; u Paul Scerri ikkonferma bil-ġurament;

By means of an Application , filed, in the First Hall Civil Court, on the 1st August 2006, in the names Paul Scerri and Carmen Scerri who have identity card numbers 442066M and 16019A respectively vs John Debono and his wife Carmela Debono, the applicant Paul Scerri and Carmen Scerri, identity card numbers 442066M and 16019A, pleaded with respect; and Paul Scerri confirmed under oath;

1. Peressa illi permezz ta' skrittura privata li iġġib id-data tat-22 ta' Frar 2006, l-intimati ikkostitwew ruħhom bħala veri ċerti u likwidi debituri tar-rikorrenti, fis-somma ta' Lm80,000 li huma ippromettew li jħallsuha lura kwantu għall-Lm15,000, fil-15 ta' April 2006, kwantu għall-Lm15,000, oħra fit-30 ta' Ġunju 2006 u l-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2006.

1. Whereas by a private writing which bears the date of the 22nd February 2006, the respondents constituted themselves certain, true and liquid debtors of the applicants in the sum of Lm80,000 which they promised to pay back as for Lm15,000, on the 15th April 2006, as for another Lm15,000 on the 30th June 2006 and the balance on the 31st December 2006.

2. Peress illi il-partijiet, fl-istess ftehim, ftehmu ukoll li fl-eventwalità li l-intimati jonqsu milli jħallsu xi rata' waħda biss, huma kienu jitilfu il-benefiċju tat-terminu lilhom konċess u inoltre kien jkun ukoll pagabbli l-imgħax mid-data tal-iskrittura imsemmija.

2. Whereas the parties in the same agreement, agreed also that in the eventuality that the respondents fail to pay any one rate, they would loose the benefit of time given to them and furthermore interest would also have been payable from the date of the writing mentioned.

3. Peress illi fil-fatt l-intimati huma morusi fil-pagamenti kollha għax ma ħallsux ċenteżmu mill-ammont dovut u għalhekk inoltre beda ukoll jiddekorri l-imgħax mit-22 ta' Frar 2006, li sat-22 ta' Lulju 2006, jammonta għall-Lm2,666.66.

3. Whereas in fact the respondents are in delay in all the payments because they did not pay one cent from the amount due and thus also interest started to run from the 22nd February 2006, which till the 22nd July 2006, amounts to Lm2,666.66.

4. Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex din il-Qorti ma għandhiex (1) taqta' u tiddeċiedi il-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u cioé bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża u (2) tikkundannahom iħallsu lir-rikorrenti l-ammont Lm82,666.66, kwantu għall-Lm80,000 sorte u kwantu Lm2,666.66 imgħax kalkolabbili bejn il-22 ta' Frar 2006 sat 22 ta' Lulju 2006 bir-rata miftehma ta' 8% p.a. –kollox skond kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.

4. The respondents are to state why this Court should not (1) decide the cause in terms of Article 167 of the Code of Civil Procedure and thus without proceeding to a hearing of the cause and (2) condemn them to pay the applicant the amount of Lm82, 666.66, as for Lm80,000 capital and as for Lm2,666.66 interest calculated between the 22nd February 2006 till the 22nd July 2006, at the agreed rate of 8% p.a. everything as stated above and for the reasons premised.

Bl-imgħax legali addizzjonali kalkolabbli mit-23 ta' Lulju

With additional legal interest calculated from the 23rd July

2006, sal-ġurnata ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru u ta' inibizzjoni presentati kontestwalment mal-presenti kontra l-intimati li minn issa jibqgħu ngunti għas-subizzjoni tagħhom.

Xhieda.

Dokumenti.

Intimati: John Debono, 21 Dorman Court, Gozo Street, Qawra.

Carmela Debono, Central Park Café, Triq il-Maskli, Qawra.

Ir-Rikors Numru 704/06 JRM, fl-ismijiet Pisani Saviour vs Galea Alfred et, jinsab differit għall-15 ta' Novembru 2006, fid-9.00 am.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Novembru 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2006, till the day of effective payment and with costs, including those of the garnishee order and of the prohibitory injunction filed together with the present against, the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Witnesses.

Documents.

Respondents: John Debono, 21, Dorman Court, Gozo Street, Qawra.

Carmela Debono, Central Park Café, Maskli Street, Qawra.

The Application Number 704/06 JRM, in the names Pisani Saviour vs Galea Alfred et, has been put off to the 15th November 2006, at 9.00 am.

Registry of the Superior Courts, today 6th November 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1687

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żlgħar, ta' l-10 ta' Ottubru 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju għnnom ta' l-Enemalta ta' Triq Qormi, Luqa LQA 05, ippreżentaw Talba, fis-27 ta' Frar 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Anthony Scicluna (ID 302466M) ta' 47, Antmar, Triq tal-Maħżen, Luqa sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf u sitta u għoxrin lira Maltija u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm1,026.57) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawza (157/06PBC) hija differita għall-14 ta' Novembru 2006 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 6 ta' Novembru 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 10th October 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Water Services Corporation in its own name and for and on behalf of Enemalta of Triq Qormi, Luqa LQA 05 filed a Claim on the 27th February 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Anthony Scicluna of 47, Antmar, Triq tal-Maħżen, Luqa, to pay the plaintiff company the sum of one thousand and twenty six Maltese liri and fifty seven cents (Lm1,026.57) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 157/06PBC) is put off on the 14th November 2006 at 1.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 6th November 2006.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET MIXXELLANJI
MISCELLANEOUS PUBLICATIONS

Bejtiet il-Lingwa – Aspetti tal-Lingwa fil-Folklor Malti	Lm 2.00c
Child Protection – Procedures for Schools	Lm 1.50c
Geological Maps of Malta	Lm 7.00c
Geological Maps of Gozo	Lm 5.00c
Geological Maps of Malta and Gozo	Lm10.00c
Il-Bennej	Lm 3.50c
Il-Ġaħan ta' Binġemma	Lm 2.00c
Il-Ħajja ta' Rużar Briffa – Oliver Friggieri	Lm 1.00c
Il-Miġja tal-Franċiżi f'Malta – Ktejjeb ta' Tifkira 1798-1998	Lm 1.00c
Leli ta' Ħaż-Żgħir – G. Ellul Mercer	Lm 1.00c
Santo Spirito Hospital	Lm 2.00c
Syllabus for the Primary School – Years 4,5 and 6	Lm 1.00c

PUBBLIKAZZJONIJIET STATISTIĊI
STATISTICAL PUBLICATIONS

Agriculture and Fisheries 2002 (CD Rom)	Lm 2.00c
A Window on the World of Work	Lm 2.00c
Abstract of Statistics 2000	Lm 5.00c
Benchmarking Malta in Europe	Lm 3.00c
Children	Lm 3.00c
Culture Statistics 2004	Lm 2.00c
Demographic Review 2003	Lm 3.00c
Education Statistics 2002 (CD Rom)	Lm 4.50c
Environment Statistics 2006	Lm 5.00c
Household Budgetary Survey	Lm 8.00c
Kultura 2000 - A Survey On Cultural Participation	Lm 3.00c
Malta in Figures 2002 (CD Rom)	Lm 2.00c
Malta in Figures 2005	Lm 2.00c
National Accounts of the Maltese Islands 1999	Lm 3.00c
Shipping and Aviation Statistics 2002 (CD Rom)	Lm 4.50c
Social Protection in Malta - A Statistical Analysis of Social Protection Accounting 1998 – 2002	Lm 4.00c
Social Welfare - Orientated Non-Governmental Organisations - A Statistical Profile 2001	Lm 2.00c
Sports Organisations 2000 – 2002	Lm 3.00c
Survey on ICT Usage in Households 2002	Lm 2.00c
Trade Statistics 2002 (CD Rom)	Lm 5.00c
Transport Statistics 2004 (CD Rom)	Lm 2.00c

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta

These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament 2005 on compact disc (CD)	Lm 6.00c
Annual Reports of Government Departments – 2005 on compact disc (CD)	Lm 5.00c
CHOGM & State Visit Highlights in pictures on compact disc (CD)	Lm 3.00c
Code of Ethics and Conduct for Legal Procurators 1998	Lm 1.00c
Code of Ethics for Members of the Judiciary	Lm 1.00c
Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education	Lm 1.80c
Diskors tal-*Budget* 2007	Lm 1.00c
Economic Bulletin – September 2006	Lm 2.00c
Economic Survey 2006	Lm 2.00c
Electoral Register, October 2006	Lm10.40c
Electoral Register, Local Councils, October 2006	Lm40.25c
Estimates 2007	Lm 2.00c
Euro Changeover checklists for Business organisations	no charge
Final Report: Pensions – Adequate & Sustainable	Lm 3.50c
Financial Report 2005	Lm 3.00c
Guidelines for Special Examination Arrangements for Candidates with Particular Requirements	Lm 1.40c
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	50c
Industry Strategy for Malta: 2007-2010	Lm 1.00c
Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq	Lm 1.00c
Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti	Lm 1.00c
Legal Notices and Bye-Laws 2005 on compact disc (CD)	Lm 6.00c
Lejn Malta fl-Ewropa - minn Copenhagen sa Ateni	Lm 1.00c
Malta's Parliament – An Official History	Lm18.00c
Mid-Year Report by the Auditor General – Public Accounts 2005	Lm 1.75c
National Curriculum on its Way – Proceedings	Lm 2.40c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	Lm 1.00c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	25c
Performance Audit – ETC's Job Matching Service– Report by the Auditor General	Lm 1.50c
Performance Audit – Inventory Strategy and Distribution of Pharmaceutical Products – Health Division	Lm 1.75c
Performance Audit – Quality of Life for the Elderly at St. Vincent de Paul Residence	Lm 1.50c
Performance Audit – School Information System – Education Division	Lm 2.00c
Performance Audit Report – The Functions of the Tax Compliance Unit	Lm 1.50c
Portfolio Assessments	Lm 4.00c
Preliminary Master Plan for the Euro Changeover in Malta	no charge
Public Service Management Code (6th Edition – December 2005)	Lm 7.00c
Rapport Finali – Pensjonijiet: Adekwati u Sostenibbli	Lm 3.50c
Report of the Auditor General – Public Accounts 2004	Lm 1.50c
Risk Management in Government Departments - An Audit Approach	Lm 1.50c
Strateġija għall-Industrija ta' Malta: 2007-2010	Lm 1.00c
Subsidiary Legislation for the Year 2005	Lm22.00c
The Highway Code	Lm 1.00c
The Press Act	50c
The Registers of the Medical Council (Malta) 2005	Lm 3.00c
Work and Activities of the National Audit Office 2005	Lm 1.00c

---

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta
These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*